Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 13 ta' Mejju 2026**
**(OR. en)**

**9176/26**

**FIN 667**
**INST 219**
**PE-L 13**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Nru dok. Cion: | 8782/26 |
| Suġġett: | Trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 07/2026 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2026 |

- *Approvazzjoni*
- *Approvazzjoni ta' ittra*

1. Fit-30 ta' April 2026, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta għat-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 07/2026 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF/2025/009 BE/Soliver)[1], f'konformità mal-Artikolu 31(1) tar-Regolament Finanzjarju[2].

2. Kif indikat fid-dokument 8782/26, l-għan ta' din il-proposta huwa li jiġi ttrasferit ammont ta' EUR 2.13 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn mill-Artikolu 30 04 02 (*Riżerva għall-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG)*) għall-Artikolu 16 02 02 (*Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG)*).

[1] Dok. 8779/26.
[2] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni) (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: https://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj).

4. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina l-proposta għal trasferiment fil-laqgħa tiegħu tat-13 ta' Mejju 2026.

5. Wara dak l-eżami, il-Kumitat tal-Baġit qabel, b'maġġoranza kwalifikata, li jissuġġerixxi li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jagħti parir lill-Kunsill biex japprova:

- il-proposta għat-trasferiment tal-approprjazzjonijiet, kif tinsab fid-dokument 8782/26; u

- l-abbozz ta' ittra fl-ANNESS ta' din in-nota.

**ANNESS**

ABBOZZ TA' ITTRA

minn: il-President tal-Kunsill

lil: il-President tal-Kummissjoni

kopja: President tal-Parlament Ewropew

Sinjura,

F'konformità mal-Artikolu 31(6) tar-Regolament Finanzjarju tat-23 ta' Settembru 2024[1], b'dan ninfurmak li l-Kunsill approva t-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 07/2026 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2026.

(Formola tal-għeluq).

---

[1] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni) (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj).